KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.5.2004
KUMM(2004) 393 finali

2004/0031 (COD)

C6-0072/04

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Dwar it-Titjib tas-Sigurtà fil-Portijiet

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

INTRODUZZJONI ĠENERALI

Il-komunikazzjoni dwar is-Sigurtà Marittima (KUMM(2003) 229 finali) li inkorporat proposta għall-*interface security* tal-bastimenti u bastimenti/portijiet, li bħalissa għaddejja minn proċess leġislattiv u hija msemmija f'dan id-dokument bħala ir-Regolament (KE) Nru. .../..., identifikat is-sigurtà tal-portijiet bħala t-tieni pass neċessarju li għandu jassigura kemm il-port kif ukoll ir-rapport bejn il-port u l-art interna. Il-bżonn għall-protezzjoni jestendi għall-persuni li qed jaħdmu fil-portijiet jew għaddejjin minnhom, l-infrastruttura u l-apparat, inklużi l-mezzi tat-trasport. Din il-proposta hija msejsa fuq dik il-komunikazzjoni preċedenti.

GĦALFEJN HUMA FIR-RISKJU IL-PORTIJIET?

Il-portijiet huma ħolqa essenzjali fil-katina kumplessiva tat-trasport, billi jgħaqqdu l-kummerċ marittimu u dak ta' fuq l-art, kif ukoll il-flussi ta' passiġġieri. Il-Portijiet huma sikwit il-punt fokali għal konsenji bil-baħar ta' tagħbija perikoluża, għal ċentri ewlenin ta' produzzjoni ta' kimika u ta' petrokemikali, u/jew sitwati fejn bliet. Huwa ċar li attakki terroristiċi fil-portijiet jistgħu faċilment jirriżultaw fit-tfixkil serju tas-sistemi tat-trasport u li jistgħu ikollhom effetti negattivi wkoll fuq l-industrija tal-madwar, kif ukoll ikunu ta' ħsara għan-nies fil-port u l-popolazzjoni fl-inħawi. Huwa f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni qed tipproponi li tiżviluppa politika komprensiva għas-sigurtà tal-portijiet.

PUNT FOKALI INTERNAZZJONALI

Xogħol fl-IMO[1] wassal għall-iżvilupp ta' l-emendi tal-Kodiċi tas-SOLAS[2] u ta' l-ISPS[3]. Il-Kummissjoni pproponiet regolament immirat lejn l-inkorporazzjoni ta' dawn il-miżuri f'liġi Komunitarja li torbot (KUMM(2003) 229 finali). Il-proċess leġislattiv għaddej bħalissa.

Minkejja li Grupp tax-Xogħol ta' l-IMO-ILO[4] bħalissa qed jaħdem fuq Kodiċi ta' Prattika dwar is-sigurtà fil-Portijiet, jidher li ma jkunx realistiku li wieħed jistenna r-riżultati fi żmien qasir. Ta' min wieħed jinnota li kodiċi bħal dan ma jkollux rabta legali. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni temmen li l-UE għandha tkompli fi triqitha lejn reġim tas-sigurtà tal-portijiet. Din il-proposta tikkumplimenta ix-xogħol ta' l-IMO-ILO

---

1 IMO: Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (International Maritime Organisation).

2 SOLAS: Sigurtà tal-Ħajja fil-Baħar (Safety Of Life At Sea).

3 ISPS: Faċilità Internazzjonali Għas-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Portijiet (International Ship and Port Facility Security).

4 ILO: Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Organisation).

IL-BŻONN GĦAL DIRETTIVA DWAR IS-SIGURTÀ TAL-PORTIJIET

L-emendi tas-SOLAS, il-kodiċi ISPS u r-regolament propost, ser itejbu is-sigurtà marittima billi jiżviluppaw miżuri ta' sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet[5]. Ir-Regolament (KE) Nr. .../... jieqaf f'dik il-parti tal-port li tirrappreżenta ix-*ship/port interface,* i.e. *it-terminal*[6]. Din il-proposta għandha rwol doppju: li ttejjeb is-sigurtà f'dawk l-imkejjen tal-port li mhux koperti mir-Regolament (KE) Nru. .../... u li jiġi żgurat li l-miżuri ta' sigurtà implementati fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. .../... jibbenefikaw minn sigurtà mtejba fiż-żoni kontigwi tal-port. Din il-proposta ma toħloqx obbligazzjonijiet ġodda f'dawk iż-żoni li huma diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru. .../...

Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li din id-direttiva twettaq dan li ġej:

– Il-garanzija u s-sorveljanza fuq livell Komunitarju ta' twettiq ta' livell għoli tas-sigurtà tal-port, billi tikkomplementa u tappoġġja il-miżuri tas-sigurtà li japplikaw għax- *ship/port interface*.

– Tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata u l-kundizzjonijiet ugwali mintul l-Unjoni Ewropea sabiex ma jinħolqux differenzi għal min juża l-portijiet kummerċjalment.

– Tiżgura li l-miżuri neċessarji li jkopru l-port kollu kemm hu jistgħu jiġu implimentati sa fejn hu possibbli permezz tal-għodda diġà eżistenti li ġiet introdotta mir-Regolament (KE) Nru. .../..., biex b'hekk jintlaħqu l-ogħla riżultati ta' sigurtà permezz ta' minimu ta' piżijiet miżjuda għall-portijiet.

Apparagun mal-varjetajiet ta' tipi ta' portijiet fil-Komunità (kbar-żgħar, b'sidien privati-pubbliċi, eċċ.), kif ukoll fid-dawl ta' l-attivitajiet diversi li jeżistu id f' id fil-portijiet tal-Komunità (tmexxija tal-merkanzija, industrija, ħażna, trasport, mkejjen ambjentali, *conurbations,* u ħafna oħrajn) direttiva hija l-aktar strument legali xieraq biex tiġi introdotta l-flessibiltà meħtieġa filwaqt li jiġi stabbilit il-livell komuni meħtieġ tas-sigurtà tal-portijiet mintul il-Komunità.

Huwa rikonoxxut li numru ta' skemi tas-sigurtà tal-portijiet diġà qed jiġu applikati fl-Istati Membri. Din id-direttiva tippermetti li l-miżuri u l-istrutturi tas-sigurtà eżistenti jiġu miżmuma tajjeb sakemm jikkonformaw mar-regoli tad-direttiva.

---

5 F'dan il-kuntest, "faċilità tal-portijiet" tfisser lok fejn iseħħu l-iskambji (bejn il-bastimenti u l-portijiet; dan jinkludi mkejjen bħal ma huma ankraġġi, irmiġġi ta' l-istennija u approċji mill-baħar kif inhu xieraq". "

6 Għalkemm huwa teoretikament possibbli għal Stati Membri sabiex jinterpretaw "faċilità tal-port" f' mod wiesa' li jinkludi l-port kollu, u b'hekk tiġi estiża l-applikazzjoni tal-Kodiċi ISPS għall-port kollu, huwa maħsub li probabbilment din l-interpretazzjoni ma tintużax.

Għalhekk, il-Kummissjoni:

– **Tipproproni li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw malajr kemm jista' jkun din id-direttiva dwar it-titjib tas-Sigurtà tal-Portijiet. Il-proposta tikkomplimenta l-miżuri tas-sigurtà li ġew introdotti mir-regolament dwar it-titjib tas-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet (Regolament (KE) Nru. .../... billi tiżgura li, b'riżultat, il-port kollu kemm hu huwa kopert minn reġim ta' sigurtà. Din il-proposta tkopri kull port li għandu waħda jew aktar mill-faċilitajiet tal-port li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru. .../....**

IL-KONTENUT TAD-DIRETTIVA DWAR IS-SIGURTÀ TAL-PORTIJIET

Il-miżuri meħtieġa biex tittejjeb is-sigurtà fil-portijiet għandhom isegwu dawn il-prinċipji:

– Is-sigurtà tal-portijiet tikkomplementa s-sigurtà marittima u dik tax-ship/port interface, u tiżgura li dawn il-miżuri ta' sigurtà huma rinforzati minn miżuri ta' sigurtà fil-medda kollha tal-port.

– Studju tas-sigurtà tal-portijiet għandu jiddeċiedi liema miżuri huma meħtieġa, fejn, u meta;

– Livelli tas-sigurtà jiddistingwu bejn theddid normali, elevat, jew imminenti;

– Pjan tas-sigurtà jfassal il-miżuri u d-dettalji biex tittejjeb is-sigurtà fil-portijiet;

– Awtorità għas-sigurtà tal-portijiet hijw responsabbli biex tidentifika u timplimenta miżuri tas-sigurtà tal-portjiet xierqa permezz ta' l-istudju u l-pjan hawn fuq imsemmija;

– Uffiċjal tas-sigurtà tal-port jikkoordina l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjan tas-sigurtà tal-port;

– Kumitat għas-sigurtà tal-port jipprovdi l-konsulenza meħtieġa lill-awtorità responsabbli;

– L-eżerċizzji u l-kontroll ser jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa.

PRINĊIPJI ĠENERALI TAL-PROPOSTA

– Il-proposta tistrieħ fuq l-istess strutturi u korpi tas-sigurtà (studji tas-sigurtà, uffiċjali, eċċ) bħar-**Regolament (KE) Nru. .../...** sabiex jiġi żgurat reġim komprensiv tas-sigurtà għall-katina loġistika marittima kollha, mill-opra sax-*ship/port interface* għall-port kollu sal-*port/hinterland interface*. B'hekk, tista' sseħħ simplifikazzjoni tal-proċeduri kif ukoll sinerġija tas-sigurtà. B'mod partikolari, id-direttiva proposta:

– issejjaħ lill-Istati Membri biex jiddefinixxu d-delimitazzjonijiet tal-portijiet tagħhom għall-iskopijiet ta' din id-direttiva;

– issejjaħ lill-Istati Membri biex jiżguraw li studji dwar is-sigurtà tal-port u pjanijiet tas-sigurtà tal-port huma żviluppati;

– issejjaħ lill-Istati Membri biex jiddeterminaw u jikkomunikaw il-livelli tas-sigurtà li qed jiġu wżati u kull bidla li ssir f'dan ir-rigward;

– issejjaħ lill-Istati Membri biex jaħtru awtorità għas-sigurtà tal-port għal kull port jew għal gruppi ta' portijiet. Din hija awtorità pubblika li ser tkun responsabbli għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri tas-sigurtà tal-port;

– tistabbilixxi l-ħtieġa li taħtar uffiċjal tas-sigurtà tal-port għal kull port individwali biex jiżgura l-koordinazzjoni kif suppost meta studji tas-sigurtà tal-port huma stabbiliti, aġġornati u segwiti;

– tistabbilixxi l-ħtieġa ġenerali għall-kumitat konsultattiv dwar is-sigurtà, li tgħaqqad lir-rappreżentanti kollha tal-funzjonijiet rilevanti ta' operazzjoni u tal-gvern f'port;

– tipproponi ħtiġijiet minimi għall-istudji u l-pjanijiet tas-sigurtà;

– issejjaħ għall-ħatra ta' punti fokali fl-Istati Membri sabiex jipprovdu l-komunikazzjoni meħtieġa kemm lil Stati Membri oħra kif ukoll lill-Kummissjoni;

– tipprovdi għal proċeduri ta' spezzjoni biex tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-port;

– tistipola il-proċedura għall-adattazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Il-Kummissjoni tipproponi li ssejjes id-direttiva fuq l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, mingħajr preġudizzju għall-leġislazzjoni nazzjonali tas-sigurtà ta' l-Istati Membri u kull miżura li tista' tittieħed abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

KONSIDERAZZJONIJIET SPEĊJALI.

Artikolu 1

Dan l-artikolu jittratta s-suġġett tad-direttiva.

Artikolu 2

Dan l-artikolu jittratta l-firxa ta' l-applikazzjoni tad-direttiva.

Artikolu 3

Dan l-artikolu jiddefinixxi t-termini ewlenin li jintużaw f'din id-direttiva.

Artikolu 4

Dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligazzjoni li jikkoordinaw il-miżuri tas-sigurtà tal-port ma' dawk meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-faċilità tas-sigurtà marittimà u tal-port.

Artikolu 5

Dan l-artikolu jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligazzjoni li jwaqqfu awtorità għas-sigurtà tal-port. Din l-awtorità għas-sigurtà tal-port ser tkun responsabbli għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà tal-port xierqa.

Artikolu 6

Dan l-Artikolu jitratta l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jiżguraw li studji tas-sigurtà tal-port huma esegwiti għall-portijiet kollha li għalihom tapplika din id-direttiva. Tali studji ser jieħdu in konsiderazzjoni l-irqaqat tat-żoni differenti tal-port, kif ukoll l-istudji tas-sigurtà żviluppati għall-faċilitajiet tal-port ġewwa d-delimitazzjonijiet tal-port b'riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-regolament dwar is-sigurtà marittimà. Il-ħtiġijiet dettaljati ta' studju tas-sigurtà tal-port huma mniżżla fl-Anness I.

Artikolu 7

Dan l-Artikolu jitratta l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jiżguraw li pjanijiet tas-sigurtà tal-port huma stabbiliti għall-portijiet kollha li għalihom tapplika din id-direttiva. Tali pjanijiet ser jieħdu in konsiderazzjoni l-irqaqat tat-żoni differenti tal-port, kif ukoll il-pjanijiet tas-sigurtà żviluppati għall-faċilitajiet tal-port ġewwa d-delimitazzjonijiet tal-port b'riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-regolament dwar is-sigurtà marittimà. Il-ħtiġijiet dettaljati ta' pjan tas-sigurtà tal-port jinsabu fl-Anness II. Dan l-Artikolu ukoll jinkludi l-ħtieġa għal taħriġ u eżerċizzji adegwati. Għal dan il-għan, jirreferi għall-Anness III, fejn huma mniżżla l-ħtiġijiet bażiċi tat-taħriġ.

Artikolu 8

Id-direttiva timponi l-użu ta' tliet livelli distinti ta' sigurtà. L-Istati Membri huma meħtieġa li jintroduċu tali sistema ta' livelli fil-portijiet rilevanti, li jiddeterminaw u jikkomunikaw il-livelli tas-sigurtà li qed jiġu wżati fil-partijiet differenti tal-portijiet tagħhom, kif ukoll kull bidla li sseħħ f'dawn il-livelli ta' sigurtà. Il-Komunikazzjoni ser tkun ibbażata fuq 'informazzjoni meħtieġa' ('need-to-know' basis)

Artikolu 9

L-Artikolu 9 jittratta l-obbligazzjoni għall-ħatra ta' uffiċjal tas-sigurtà tal-port għal kull port kopert minn din id-direttiva, li għandu jkollu għarfien u awtorità suffiċjenti biex jiżgura u jikkoordina adegwatament l-istabiliment, l-aġġornament ta' l-istudji u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-port, kif ukoll li jsegwihom, fil-portijiet rispettivi tagħhom.

Artikolu 10

B'għarfien tal-bżonn għall-kooperazzjoni ottimali bejn il-funzjonijiet ta' l-operazzjoni u awtorità pubblika f'port, dan l-artikolu jipprovdi għat-twaqqif ta' kumitat konsultattiv dwar is-sigurtà tal-port li jirraggruppa l-elementi li għandhom interess partikolari fis-sigurtà tal-port.

Artikolu 11

Dan l-artikolu jittratta l-ħtieġa li l-istudji tas-sigurtà tal-portijiet jiġu riveduti regolarment.

Artikolu 12

L-Artikolu 12 jipprovdi għall-possibilità li Stati Membri jaħtru organizzazzjonijiet rikonoxxuti għas-sigurtà tal-port, sakemm dawn l-organizzazzjonijiet jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Annes IV.

Artikolu 13

Dan l-artikolu jipprovdi għat-biliment ta' punt fokali għas-sigurtà tal-port, li ser ikun il-punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva.

Artikolu 14

Dan l-artikolu ikopri l-obligazzjoni ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu sistema ta' kontroll adegwata u regolari dwar il-pjanijiet tas-sigurtà tal-port u l-implimentazzjoni tagħhom. Dan l-artikolu jittratta wkoll il-proċess li bih spezzjonijiet sorveljati mill-Kummissjoni huma stabbiliti sabiex tiġi mkejla l-effettività ta' l-implimentazzjoni tas-sorveljanza tas-sigurtà tal-port.

Artikolu 15

Dan l-artikolu jindika li dispożizzjonijiet jistgħu jiġu adottati sabiex proċeduri armonizzati jistgħu jiġu definiti għall-applikazzjoni tad-dettalji relatati ma' l-Annessi ta' din id-direttiva. Tali adattazzjonijiet ser ikunu gwidati mill-proċedura tal-Kumitati, kif definita fl-Artikolu 14.

Artikolu 16

Il-Kummissjoni hija megħjuna mill-istess kumitat stabbilit mir-**Regolament (KE) Nru. .../...**. Dan il-kumitat jaġixxi bi qbil mal-proċedura regolatorja (l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipola l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[7].

Artikolu 17

Dawn l-artikoli jittrattaw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni relatata mas-sigurtà, b'mod partikolari dwar rapporti ta' spezzjonijiet u t-tweġibiet ta' l-Istati Membri.

Artikolu 18

Dan l-artikolu jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex joħolqu penali effettivi, proporzjonali u konvinċenti għall-ksur ta' din id-direttiva.

[7] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Artikolu 19

Dan l-artikolu jittratta l-obbligazzjoni li għandhom l-Istati Membri li jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-direttiva u dan mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ.

Artikolu 20

Jitratta d-dettalji dwar id-dħul fis-seħħ.

Artikolu 21

Jittratta d-destinatarji ta’ din id-direttiva.

L-Anness I

Ikopri l-ħtiġijiet dettaljati għall-twaqqif ta’ studju tas-sigurtà tal-port.

L-Anness II:

Ikopri l-ħtiġijiet dettaljati għall-twaqqif ta’ pjan tas-sigurtà tal-port.

L-Anness III:

Ikopri l-ħtiġijiet bażiċi għat-taħriġ.

L-Anness IV:

Ikopri l-kundizzjonijiet dettaljati li għandhom ikunu sodisfatti minn organizzazzjoni rikonoxxuta dwar is-sigurtà tal-portijiet.

2004/0031 (COD)

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Dwar it-Titjib tas-Sigurtà fil-Portijiet

(Test b'relevanza għall–EEA)

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu [80(2)] tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,[8]

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [9]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[10],

Jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[11],

Billi:

(1) Atti kontra l-liġi u t-terroriżmu huma fost l-akbar perikli għall-ideali tad-demokrazija u tal-libertà u għall-valuri tal-paċi, li huma l-essenza proprja ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Is-sigurtà tan-nies, ta' l-infrastruttura u ta' l-apparat, inklużi l-mezzi tat-trasport, fil-portijiet kif ukoll fiż-żoni rilevanti kontigwi għandhom ikunu protetti minn atti kontra l-liġi u l-effetti devastanti tagħhom. Tali protezzjoni tibbenefika lil min juża t-trasport, l-ekonomija, u s-soċjetà kollha kemm hi.

(3) Fil-Jum/Xahar/2003 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament (KE) Nru. .../.... dwar is-sigurtà marittima. Il-miżuri tas-sigurtà marittima imposti minn dan ir-regolament huma biss parti mill-miżuri meħtieġa sabiex jinkiseb livell adegwat tas-sigurtà mintul il-katini msensla tat-trasport marittimu. Dan ir-regolament huwa limitat fl-intenzjoni għal miżuri ta' sigurtà fuq opri u x-*ship/port interface* immedjat.

(4) Sabiex tinkiseb il-protezzjoni massima possibbli għall-industriji marittimi u tal-port, miżuri tas-sigurtà tal-port għandhom jiġu introdotti. Għandhom jestendu 'lil hinn mix-*ship/port interface* u jkopru il-port kollu kemm hu, biex b'hekk jipproteġu l-inħawi tal-port u jiżguraw li l-miżuri tas-sigurtà meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament

---

8 ĠU C [...], [...], p. [...].
9 ĠU C [...], [...], p. [...].
10 ĠU C [...], [...], p. [...].
11 ĠU C [...], [...], p. [...].

(KE) Nru. .../.... jibbenefikaw minn sigurtà mtejba fl-inħawi kontigwi. Dawn il-miżuri għandhom japplikaw għal dawk il-portijiet li fihom tinsab waħda jew aktar mill-faċilitajiet tal-port li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru. .../.... .

(5) Migħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u miżuri li jistgħu jittieħdu abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar L-Unjoni Ewropea, l-għan tas-sigurtà deskritt fil-premessa 2 għandhom jiġu mwettqa permezz ta' l-adozzjoni tal-miżuri xierqa fil-qasam tal-politika tal-port li jistabbilixxu livelli konġunti għat-twaqqif ta' livell tas-sigurtà tal-port mintul il-portijiet tal-Komunità kollha.

(6) L-Istati Membri għandhom jistrieħu fuq studji tas-sigurtà dettaljati sabiex jidentifikaw id-delimitazzjonijiet eżatti taż-żoni rilevanti għas-sigurtà fil-port, kif ukoll fuq il-miżuri varji li huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-port xierqa. Tali miżuri ser ikunu differenti skond il-livell tas-sigurtà fil-post u ser jirriflettu differenzi fil-profil tar-riskju ta' sub-taqsimiet differenti tal-port.

(7) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet tas-sigurtà li jittrasponu b'mod rigoruż is-sejbiet ta' l-istudju tas-sigurtà tal-port. Il-ħidma effiċjenti tal-miżuri tas-sigurtà tirrikjedi wkoll diviżjonijiet ċari tax-xogħol bejn il-partijiet kollha involuti kif ukoll l-eżerċizzju regolari tal-miżuri. Iż-żamma ta' diviżjonijiet tax-xogħlijiet u proċeduri ta' eżerċizzju fil-format tal-pjan tas-sigurtà tal-port hija kkunsidrata li tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-effettività kemm tal-miżuri preventivi kif ukoll dawk rimedjali tal-miżuri tas-sigurtà tal-port.

(8) **Opri li jitilgħu u jinżlu l-vetturi minnhom huma partikolarment dgħajfa għal atti illegali, b'mod partikolari jekk iġorru l-passiġġieri flimkien mal-merkanzija. Miżuri adegwati għandhom jittieħdu abbażi ta' l-istudju tar-riskji li jiżguraw li l-karozzi u vetturi tal-merkanzija destinati għat-trasport fuq opri li jitilgħu u jinżlu l-vetturi minnhom ma jkunux ta' riskju għall-opra, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ, kif ukoll għall-merkanzija. il-miżuri għandhom jittieħdu fil-port jew fil-konfini tal-port qabel il-karozzi u l-vetturi tal-merkanzija jitilgħu fuq l-opra u b'mod li jimpedixxi ftit kemm jista' jkun l-effiċjenza ta' l-operati.**

(9) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltajiet fis-sigurtà tal-port huma rikonoxxuti b'mod ċar mill-partijiet kollha involuti. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-aderenza mar-regoli tas-sigurtà u jistabbilixxu awtorità ta' responsabbiltà għall-portijiet kollha tagħhom, japprovaw kull studju u pjan ta' sigurtà, jistabbilixxu u jikkomunikaw il-livelli ta'sigurtà, jiżguraw li l-miżuri huma komunikati sewwa, implimentati u koordinati, u jipprovdu għat-titjib ta' l-effettività tal-miżuri tas-sigurtà u t-tħejjija permezz ta' pjattaforma għall-konsultazzjoni fil-komunità tal-portijiet.

(10) L-Istati Membri għandhom japprovaw l-studji u l-pjanijiet u jissorveljaw l-implimentazzjoni fil-portijiet tagħhom. L-effettività tas-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni ser ikunu soġġetti għall-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni.

(11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li punt fokali jieħu r-rwol ta' punt ta' kuntatt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

(12) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċiżżju ta' l-implimentazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni[12]. Proċedura għandha tkun definita għall-adattazzjoni ta' din id-direttiva biex tieħu in konsiderazzjoni l-iżviluppi fi strumenti internazzjonali u, fid-dawl ta' l-esperjenza, li tadatta jew tikkomplementa id-dispożizzjonijiet dettaljati ta' l-Annessi ta' din id-direttiva mingħajr ma tikber il-firxa ta' l-implimentazzjoni ta' din id-direttiva.

(14) Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, partikolarment it-twaqqif u l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa fil-qasam tal-politika tat-trasport marittimu u politika tal-port, ma jistgħux jintlaħqu tajjeb mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, għar-raġuni tad-dimensjoni Ewropea ta' din id-Direttiva, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri bi qbil mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità trattat f'dak l-Artikolu, din id-direttiva hija limitata għal dawk l-*istandards* bażiċi konġunti meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-sigurtà tal-port u ma tmurx 'lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak il-għan.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

1. L-għan ewlieni ta' din id-direttiva huwa li tintroduċi u timplimenta miżuri Komunitarji immirati lejn it-titjib tas-sigurtà tal-port fil-każ ta' theddid ta' atti internazzjonali kontra l-liġi.

   Ser tiżgura wkoll li miżuri tas-sigurtà meħuda b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../.... jibbenefikaw minn sigurtà mtejba fl-inħawi kontigwi tal-port.

2. Il-miżura msemmija fil-paragrafu 1 għandha tikkonsisti minn:

   a) It-twaqqif ta' regoli bażiċi komuni dwar miżuri ta' sigurtà tal-port;

   b) It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għal dawn ir-regoli;

   c) It-twaqqif ta' mekkaniżmi xierqa ta' sorveljanza tal-konformità

[12] ĠU L 184, tas-17.1.1999, p. 23.

Artikolu 2

Firxa ta' l-applikazzjoni

1. Din id-direttiva tindirizza miżuri tas-sigurtà li għandhom jiġu osservati minn jew li jaffettwaw lin-nies, l-infrastruttura u l-apparat, inklużi l-mezzi tat-trasport, fil-portijiet kif ukoll fl-inħawi kontigwi fejn dawn għandhom impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà fil-port.

2. Il-miżuri mniżżla f'din id-direttiva ser japplikaw għal kull port fit-territorju ta' Stat Membru li fih jinsabu waħda jew aktar mill-faċilitajiet tal-port imsemmija fir-Regolament (KE) Nru .../.....

3. L-Istati Membri ser jidentifikaw għal kull port id-delimitazzjonijiet għall-ħtiġijiet ta' din id-direttiva, filwaqt li jieħdu in konsiderazzjoni l-informazzjoni mill-istudju tas-sigurtà tal-port kif inhu xieraq.

4. Fejn id-delimitazzjonijiet ta' faċilità tal-port fl-iskop tat-tifsira tar-Regolament (KE) Nru .../.... ġew definiti mill-Istat Membru li jkopru l-port effettivament, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru .../....jieħdu preċedenza fuq dawk ta' din id-direttiva.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

1. "port" jew "port tal-baħar" ifissru medda ta' art u ilma magħmula minn tali xogħlijiet u apparat sabiex jiġi permess, prinċipalment ir-riċeviment ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħażna tal-merkanzija, ir-riċeviment u t-twassil ta' din il-merkanzija u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri.

2. "ship/port interface" tfisser l-interazzjonijiet li jseħħu meta bastiment huwa direttament u immedjatament effettwat minn azzjonijiet li jinvolvu l-moviment tal-persuni, ta' l-oġġetti jew il-provvista ta' servizzi tal-port lill- jew mill-bastiment.

3. "faċilità tal-port" tfisser mkien fejn iseħħ ix-*ship/port interface*; dan jinkludi postijiet bħalma huma ankraġġi, irmiġġi u approċċi min-naħa tal-baħar kif inhu xieraq.

4. "punt fokali għas-sigurtà marittima" ifisser il-korp inkarigat minn kull Stat Membru sabiex iservi ta' punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni u Stati Membri oħra u li jiffaċilità, isegwi u jinforma dwar l-applikazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà marittima imniżżla f'din id-direttiva, kif ukoll dawk imniżżla fir-Regolament (KE) Nru .../.... .

5. "awtorità tas-sigurtà tal-port" tfisser l-awtorità responsabbili mill-affarijiet ta' sigurtà f'port partikolari.

Artikolu 4

Koordinazzjoni mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../....

L-Istati Membri ser jiżguraw li l-miżuri tas-sigurtà tal-port li jiġu introdotti minn din id-direttiva huma koordinati fil-qrib mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../....

Artikolu 5

Awtorità għas-sigurtà tal-port

1. L-Istati Membri ser jinkarigaw awtorità għas-sigurtà tal-port għal kull port kopert minn din id-direttiva. Awtorità għas-sigurtà tal-port tista' tiġi maħtura għal aktar minn port wieħed.

2. L-awtorità għas-sigurtà tal-port għandha tkun responsabbli mill-identifikazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà xierqa permezz ta' studji u pjanijiet tas-sigurtà tal-port.

3. L-Istati Membri jistgħu jaħtru 'awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima' skond ir-Regolament (KE) Nru .../.... bħala awtorità għas-sigurtà tal-port.

Artikolu 6

Studju tas-sigurtà tal-port

1. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-istudji tas-sigurtà tal-portijiet huma magħmula għal dawk il-portijiet koperti minn din id-direttiva. Dawn l-istudji għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-partikolaritajiet tat-żoni differenti ta' port u ser jikkunsidraw l-istudji ta' faċilitajiet tal-portijiet fid-delimitazzjonijiet tagħhom kif imwettqa fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../.... . Studji tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jiġu approvati mill-Istati Membri.

2. Kull studju tas-sigurtà tal-port ser iseħħ skond il-ħtiġijiet dettalljati skond l-Anness I ta' din id-direttiva.

3. Studji tas-sigurtà tal-port jistgħu jsiru minn organizzazzjoni rikonoxxuta tas-sigurtà tal-portijiet, skond l-Artikolu 12.

Artikolu 7

Pjan tas-sigurtà tal-port

1. L-Istati Membri ser jiżguraw li, b'riżultat ta' l-istudji tas-sigurtà tal-portijiet, pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet huma żviluppati, miżmuma tajjeb u aġġornati. Pjanijiet tas-

sigurtà tal-port għandhom jindirizzaw b'mod adegwat il-partikolaritajiet taż-żoni differenti ta' port u ser jintegraw il-pjanijiet tas-sigurtà għall-faċilitajiet tal-port fid-delimitazzjonijiet tagħhom kif stabbiliti fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../.... . Pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jiġu approvati mill-Istat Membru. Jistgħu biss jiġu implimentati ladarba tingħata l-approvazzjoni.

2. Pjanijiet tas-sigurtà tal-port għandhom jidentifikaw, għal kull wieħed mill-livelli differenti tas-sigurtà li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 8:

   a) il-proċedura li trid tiġi segwita

   b) il-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti;

   c) l-azzjonijiet li jridu jittieħdu.

3. Kull pjan tas-sigurtà tal-port ser jiġi stabbilit in segwitu għall-ħtiġijiet dettaljati skond l-Anness I ta' din id-direttiva.

4. Pjanijiet tas-sigurtà tal-port jistgħu jiġu żviluppati minn organizzazzjoni rikonoxxuta tas-sigurtà tal-portijiet, in segwitu għall-Artikolu12.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-portijiet tiġi koordinata ma' l-attiviatjiet l-oħra ta' kontroll li jitwettqu fil-port.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħriġ adegwat u eżerċizzji jiġu esegwiti, bi qbil mal-ħtiġijiet bażiċi ta' taħriġ elenkati fl-Anness III.

7. B'mod partikolari, il-pjan tas-sigurtà tal-port ser jiżgura li, abbażi ta' l-istudji tar-riskju, isiru kontrolli adegwati tas-sigurtà minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq karozzi u vetturi tal-merkanzija lesti biex jimbarkaw l-opri li jġorru wkoll il-passiġġieri.

Din il-ħtieġa partikolari tapplika għat-traffiku domestiku u internazzjonali; fil-każ ta' traffiku internazzjonali, l-Istati Membri konċernati ser jikkooperaw fl-istudju tar-riskju.

Artikolu 8

Livelli ta' sigurtà

1. L-Istati Membri ser jintroduċu sistema ta' livelli tas-sigurtà tal-port.

2. Ser ikun hemm 3 livelli ta' sigurtà, kif definiti mir-Regolament (KE) Nru. .../....:

   – Il-livell ta' sigurtà 1 ifisser il-livell li għalih miżuri minimi protettivi tas-sigurtà ser jiġu miżmuma f'kull ħin;

   – Il-livell ta' sigurtà 2 ifisser il-livell li għalih miżuri addizzjonali xierqa ser jiġu miżmuma għal perjodu ta' żmien b' riżultat tar-riskju elevat ta' inċident ta' sigurtà;

– Il-livell ta’ sigurtà 3 ifisser il-livell li għalih miżuri ta’ protezzjoni ulterjuri u speċifiċi ser jiġu miżmuma għal perjodu limitat ta’ żmien meta inċident tas-sigurtà huwa probabbli u imminenti, minkejja li jista’ ma jkunx possibli li tiġi identifikata il-mira speċifika.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-livelli ta’ sigurtà li jiġu wżati. Fuq kull livell ta’ sigurtà, Stat Membru jista’ jiddetermina li miżuri differenti ta’ sigurtà għandhom jiġu implimentati f’partijiet differenti tal-port, skond ir-riżultati ta’ l-istudju tas-sigurtà tal-port.

4. L-Istati Membri ser jikkomunikaw il-livell ta’ sigurtà fis-seħħ f’kull port kif ukoll kull bidla li sseħħ f’dawn il-livelli. Il-livelli ta’ sigurtà ser jiġu mgħarrfa abbażi ta’ ‘informazzjoni meħtieġa’ (need to know basis), skond il-pjan tas-sigurtà tal-port.

Artikolu 9

L-Uffiċjal tas-sigurtà tal-port

1. Uffiċjal tas-sigurtà tal-port ser ikun inkarigat mis-sigurtà ta’ kull port. Kull port ser ikollu uffiċjal tas-sigurtà differenti. Portijiet żgħar fejn xulxin jistgħu ikollhom uffiċjal wieħed tas-sigurtà.

2. L-uffiċjali tas-sigurtà tal-portijiet għandhom jesegwixxu r-rwol ta’ punt ta’ kuntatt għall-affarijiet li għandhom x’jaqsmu mas-sigurtà u għandhom ikollhom biżżejed awtorità u għarfien dwar il-lokal sabiex jiżguraw u jikkoordinaw b’mod adegwat l-istabbiliment, l-aġġornament u s-segwiment ta’ l-istudji u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-port.

3. Fejn uffiċjal tas-sigurtà mhux l-istess bħall-uffiċjal/i tas-sigurta tal-faċilità/ajiet in segwitu għar-Regolament (KE) Nru. .../.... , għandha tiġi żgurata kooperazzjoni fil-qrib bejniethom.

Artikolu 10

Il-Kumitat għas-sigurtà tal-port

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kumitati għas-sigurtà tal-portijiet huma stabbiliti sabiex jipprovdu konsultazzjoni prattika f' dawk il-portijiet koperti minn din id-direttiva, sakemm minħabba il-partikolaritajiet ta' port dawn il-kumitati ma jkunux superfluwi.

2. L-istruttura ta' kumitat tas-sigurtà ta' port tista' tvarja bejn port u ieħor, biss għandha dejjem tirrifletti l-funzjonijiet operattivi u ta' awtorità pubblika f’port. Ser taħdem abbażi ta’ ‘informazzjoni meħtieġa’.

Artikolu 11

Reviżjonijiet

1. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-istudji u pjanijiet tas-sigurtà tal-port huma riveduti kull darba li jsir tibdil li għandu x'jaqsam mas-sigurtà. Għandhom jiġu riveduti għall-inqas kull erba' snin. Meta titlesta r-reviżjoni, l-istudji u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-port iridu jiġu approvati mill-Istati Membru. Pjan rivedut jista' biss jiġi implimentat ladarba tkun ingħatat l-approvazzjoni.

2. Reviżjonijiet ta' l-istudji u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-port jistgħu jiġu żviluppati minn organizzazzjoni rikonoxxuta tas-sigurtà tal-portijiet, in segwitu għall-Artikolu12.

Artikolu 12

Organizzazzjoni rikonoxxuta għas-sigurtà tal-port

L-Istati Membri jistgħu jaħtru organizzazzjonijiet rikonoxxuti għas-sigurtà tal-portijiet għall-iskopijiet speċifikati f'din id-direttiva. Organizzazzjonijiet rikonoxxuti għas-sigurtà tal-port għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet mniżżla taħt l-Anness IV.

Artikolu 13

Punt fokali tas-sigurtà tal-port

L-Istati Membri ser jaħtru għal aspetti ta' sigurtà tal-port il-punt fokali, maħtur in segwitu għar-Regolament (KE) Nru. .../.... għas-sigurtà marittima u għall-faċilitajiet tal-port.

Il-punt fokali tas-sigurtà tal-port ser jikkomuniku lill-Kummissjoni l-lista ta' portijiet ikkonċernati b'din id-direttiva.

Il-punt fokali tas-sigurtà tal-port ser jistabbilixxi u jżomm lista tad-dettalji ta' kuntatt ta' l-awtoritajiet għas-sigurtà tal-portijiet, kif ukoll ta' l-uffiċjali tas-sigurtà tal-port. Din il-lista ser tkun komunikata lill-Kummissjoni u aġġornata bit-tibdil.

Artikolu 14

L-implimentazzjoni u l-kontroll għall-konformità

1. L-Istati Membri ser iwaqqfu sistema li tiżgura superviżjoni adegwata u regolari tal-pjanijiet tas-sigurtà tal-port u l-implimentazzjoni tagħhom.

2. Sitt xhur wara d-data li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 19, il-Kummissjoni, b' kooperazzjoni mal-punti fokali li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 13, serje ta' spezzjonijiet ser jinbdew f'kampjuni xierqa tal-portijiet, sabiex tiġi sorveljata l-applikazzjoni ta' din id-direttiva mill-Istati Membri. Dawn l-ispezzjonijiet ser jieħdu

in konsiderazzjoni d-data provduta mill-punti fokali, inklużi ir-rapporti ta' sorveljanza. Il-proċeduri sabiex isiru dawn l-ispezzjonijiet għandhom jiġu adottati skondl il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

3. L-uffiċjali b'mandat mill-Kummissjoni biex jagħmlu tali spezzjonijiet skond il-paragrafu 2 għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom mal-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni bil-miktub, maħruġa mill-Kummisjoni u li tispeċifika s-suġġett, l-iskop ta' l-ispezzjoni u d-data li fiha għanda tibda. Il-Kummissjoni għandha, f'ħin xieraq qabel l-ispezzjonijiet tinforma lill-Istati Membri konċernati bl-ispezzjonijiet.

   L-Istat Membru konċernat għandu jissottometti ruħu għal dawn l-ispezzjonijiet u għandu jiżgura li l-korpi jew il-persuni konċernati li jissottomettu rwieħhom ukoll għal dawk l-ispezzjonijiet.

4. Il-Kummissjoni ser tikkomunika r-rapporti ta' spezzjoni lill-Istati Membru konċernat, li minn tlett xhur li jkun irċieva r-rapport ser jindika dettalji suffiċjenti tal-miżuri meħuda sabiex jiġi rimedjat kull nuqqas. Ir-rapporti u r-risposti ser jiġu komunikati lill-Kumitat li għalih hemm referenza fl-Artikolu 16.

Artikolu 15

Adattamenti

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I sa IV jistgħu jiġu emendati bi bqil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16 (2), mingħajr ma titwessa' il-firxa ta' l-applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Artikolu 16

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummisjoni ser tiġi megħjuna mill-kumitat stabbilit mir-Regolament (KE) Nru. .../.... tinkludi rappreżentanti ta' l-Istati Membri, u presjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE[13] għandhom japplikaw, wara jittieħed in konsiderazzjoni l-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni.

   Il-perjodu taż-żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal xahar.

[13] ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Artikolu 17

Il-kunfidenzjalità u t-tixrid ta' l-informazzjoni

1. Fl-applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni ser tieħu, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/844/KE/ KEFA, Euratom[14], miżuri xierqa sabiex tiġi mħarsa l-informazzjoni bi qbil mal-ħtieġa għall-kunfidenzjalità li għaliha għandha aċċess, jew li hija komunikata lilha mill-Istati Membri.

   L-Isati Membri ser jieħdu miżuri ekwivalenti fi qbil mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

2. Kull personal li jagħmel l-ispezzjonijiet, jew li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni kunfidenzjali relatata ma' din id-direttiva, għandu jkollu livell xieraq ta' sorveljanza u kontroll mill-Istat Membru li tiegħu l-personal konċernat għandu ċ-ċittadinanza.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dritt pubbliku għall-aċċess għad-dokument in segwitu għar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15], ir-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u r-risposti ta' l-Istati Membri li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 14 (4) ser ikunu sigrieti u mhux ser jiġu publikati. Ser ikunu biss disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti, li ser jikkomunikawhom biss lill-partijiet interessati abbażi ta' informazzjoni meħtieġa, in segwitu għar-regoli nazzjonali applikabbli dwar it-tixrid ta' informazzjoni sensittiva.

4. L-Istati Membri għandhom, kemm jista' jkun u bi qbil mal-liġi nazzjonali applikabbli jittrattaw b'kunfidenzjalità l-informazzjoni li tirriżulta mir-rapporti ta' l-ispezzjonijiet u r-risposti ta' l-Istati Membri meta din l-informazzjoni għandha x' taqsam ma Stati Membri oħra.

5. Sakemm m'huwiex ċar li rapporti ta' spezzjoni u r-risposti ser ikunu jew mhux ser ikunu mgħarrfa, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni ser jikkonsultaw ma' l-Istat Membru konċernat.

Artikolu 18

Sanzjonijiet

L-Istati Membri ser jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u konvinċenti jiġu introdotti għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiġu adottati in segwitu għal din id-direttiva.

---

[14] ĠU L 317, tat-3.12.2001, p. 1.
[15] ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

Artikolu 19

L-Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-direttiva sa mhux aktar tard minn [...] [sena mid-data tad-dħul tagħha fis-seħħ]. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b' dan minnufih.

   Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif din ir-riferenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-direttiva.

Artikolu 20

Id-dħul fis-seħħ

Din id-direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 21

Id-Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Anness I

Studju tas-sigurtà tal-port

L-istudju tas-sigurtà tal-port huwa l-bażi għax-xogħol fuq il-pjan tas-sigurtà tal-port u l-implimentazzjoni eventwali tiegħu. L-istudju tas-sigurtà tal-port ser jinkludi għall-inqas dawn l-elementi:

– L-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' l-assi u l-infrastruttura importanti li huwa importanti li jiġu protetti;

– L-identifikazzjoni ta' theddid possibli għall-assi u l-infrastruttura u kemm x'aktarx iseħħu sabiex jiġu stabbiliti u prijoritizzati l-miżuri tas-sigurtà;

– L-identifikazzjoni l-għażla u l-prijoritizzazzjoni tal-kontro-miżuri u l-bidliet ta' proċedura u l-livelli ta' effettività tagħhom fit-tnaqqis tad-dgħufija; u

– L-identifikazzjoni tad-dgħufijiet, inklużi l-fatturi umani fl-infrastruttura, il-politika u l-proċeduri.

Għal dan il-għan, l-istudju ser ikopri għall-inqas dawn l-oqsma:

